MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 933/2004

**Il-Pulizija
Spettur Pierre Micallef-Grimaud**

**vs**

**Mario Tabone**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Tabone ta' 41 sena, iben Saviour u l-mejta Carmen nee' Duncan, imwieled Hal-Tarxien fil-15 ta' Awissu 1963 u joqghod 21 Lamada Triq il-Plajjiet Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita numru 451663(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-21 ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-7.15 ta' filghodu fil-Marsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-

sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carmel Diacono, skond ma ccertifika it-tabib G Schembri MD tal-isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta’ Mejju 2005 (esebita a fol. 106 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta’ Frar 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-21 ta Mejju 2004 ghall-habta tas-7.15am fix-Xatt tal-Marsa bejn l-imputat u l-parti civili Carmel Diacono li t-tnejn huma mpjegati tat-Tug Malta u fejn il-parti civili Carmel Diacono sofra griehi li gew certifikati li kienu ta’ natura gravi.

Il-parti civili Carmel Diacono li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2008 qal li fl-imsemmija data huwa rraporta ghax-xoghol fil-Menqa l-Marsa u meta kien ipparkja l-vettura tieghu u kien ser jitla’ fuq il-lanca li kellu jahdem fuqha ra lill-imputat li kien fuq lanca ohra li beda’ jghidlu ‘ejja urihom kif ghamilt id-dieta’. Diacono jghid li huwa ha ghalih b’dan il-kliem ghaliex hass li l-imputut kien qieghed iwaqqghu ghac-cajt peress li kien hemm hafna nies u huwa ghalhekk irrabja u qal lill-imputat sabiex ihallih bi kwietu ghaliex huwa kien mar hemm sabiex jaqla’ lira. Diacono jzid li l-imputat qallu ‘mela inti ser tkompli tiehu ghalik’ u meta huwa rrisponda fl-affirmattiv l-imputat beda’ joffendih u jkellmu hazin tant li

Emanuel Borg il-master tal-lanca beda' jwaqqfu milli jkompli jghid dan il-kliem. Diacono jghid li malli huwa tela' fuq il-lanca ra lill-imputat sejjer ghalih bil-herra u huwa ghalhekk nehha n-nuccali qabel l-imputat xejirlu daqqa ta' sieq fejn laqtu fuq sidru u mbaghad tefghu mal-art, intefa' fuqu beda' jxejjirlu daqqiet bl-addocc u tajjarlu snienu. Dejjem skond Daicono tlieta mill-kollegi tal-imputat bdew izommuh izda ma rnexxilhomx. Il-parti civili jghid ukoll li bid-daqqiet li qala f'rasu minghand l-imputat huwa qabditu depression.

Ikkunsidrat:

Illi fil-21 ta' Mejju 2004 l-imputat irrilaxxja stqarrija[1] u huwa ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju 2010 fejn spjega li fil-gurnata in dizamina huwa kien qieghed xoghol bhala engineer fuq it-tug boat Felicia u kien qed jaghmel xi ezercizzji ta' stretching ma shabu u kienu qed jitkellmu fuq id-dieta fejn kien hemm wiehed minn shabu, certu Grezzju Scicluna, li beda' jirriskontra certu diffikolta' sabiex jaghmel l-ezercizzju u huma raw lil parti civili Carmel Diacono li kien wasal ghax-xoghol fejn kellu jahdem fuq tug boat ohra bl-isem ta' Grezz li kienet vicin l-Felicia qed jipparkeggja il-vettura tieghu fuq il-moll u l-imputat qal lil Grezzju sabiex jiehu ezempju minn Diacono li qabel kien qawwi mhux hazin izda ghamel dieta stretta u naqas hafna. L-imputat spjega li malli huwa qal dan il-kliem Diacono beda' jkellmu hazin u meta huwa nizel minn fuq il-lanca sabiex igib xi ghodda mis-shed u prova jispjega lil Diacono li huwa ma kienx qal dak il-kliem sabiex joffendih izda biss sabiex jaghti ezempju lil shabu dan qabdu mill-flokk u kompla jipprovokah. L-imputat spjega li meta huwa mar sabiex jerga' jitla' fuq il-lanca u kien tela' fuq il-planka hass lil Diacono li kien ezatt warajh jigbdu u sabiex huwa ma jaqax fil-bahar dar u ntefa' fuq Diacono u huma spiccaw fl-idejn mal-art fuq il-moll bi Diacono taht. L-imputat jghid li f'dak l-istadju shabu Rayond Vassallo, Maurice Bugeja, Grezzju Scicluna u Paul Mifsud marru sabiex iferquhom u huwa tela' fuq il-lanca fejn Diacono tela' warajh u qabad

[1] Inserita a fol. 8 u 9 tal-atti processwali.

mug minn idejn il-kaptan Manuel Borg u xehtu izda ma laqat lil hadd. L-imputat spjega li shabu sabiex jipproteguh minn Diacono li sadanittant kien mar fil-vettura tieghu fejn gab bicca hadida rega' tela' fuq il-lanca u sakruh fil-kabina tieghu. L-imputat jghid li huwa beda' jisma lil Diacono li kien rega' tela' fuq il-lanca jdur mal-istess lanca isabbat u joffendih sakemm imbaghad huwa tnizzel minn fuq il-lanca u huma hargu ghax-xoghol bit-tug boat izda kellhom jergghu lura wara xi sitt minuti ghaliex gew il-Pulizija li riedu jkellmuh wara li Diacono kien mar l-Ghassa jaghmel rapport. L-imputat qal li huwa fl-ebda hin ma agredixxa lil Diacono izda iddefenda lilu nnifsu meta waqghu mal-art fuq xulxin u huwa qal ukoll li kellu xi brix hdejn ghajnejh u fuq irkoptu u li kien ra xi demm hdejn halq Diacono.

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz setghat tikkonstata li x-xhieda l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni lkoll ikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u mhux dik moghtija minn Carmel Diacono. Jekk wiehed jara x-xhieda ta Emanuel Borg, Grezzju Scicluna, Maurice Bugeja, Raymond Vassallo u Paul Mifsud[2] wiehed jista' jikkonstata li dawn ilkoll qalu li kien Carmel Diacon li agredixxa lill-imputat wara li dan tal-ahhar ghadda kumment inokwu dwar id-dieta u li l-istess Diacono tela' fuq il-lanca sabiex ikompli jipprova jagredixxi lill-imputat u li kienu huma li sakru lill-imputat fil-kabina sabiex jipproteguh minn Diacono. Hadd minn dawn ix-xhieda ma qal li ra lill-imputat ixejjer daqqiet ta' ponn jew ta sieq lejn Diacono kif jallega l-istess Diacono.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabblli li huwa gie agredit minn Diacono ghall-ebda raguni valida u li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu u jevita milli jaqa' l-bahar anki minhabba l-mankament li jsofri minnu u l-konsegwenti nuqqas ta' bilanc. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk ma tistghax titqies li pruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

[2] Li lkoll xehdu waqt l-dujenza tal-11 ta' frar 2005.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------